Kunsill Lokali Ħal Balzan
153 Triq il-Kbira
Ħal Balzan

---

**MINUTI TAT-TNEJN U ERBGĦIN LAQGĦA AĠĠORNATA TAS-SITT KUNSILL**

**Post:** fis-Sala tal-Kunsill, 153 Triq il-Kbira, Ħal Balzan

**Data:** It-Tnejn, 17 ta' Jannar 2011

**Ħin:** Mis-7.15pm sat-7.50pm

**Prezenti:** It-Tabib J. Zammit Montebello (wasal fis-7.15pm)
Is-Sur Joseph Mary Galea
L-Avukat Trevor De Giorgio
Is-Sur J. Cassar
**Skuzat:** Is-Sur Guido Borg

Is-Segretarju Ezekuttiv qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill emjal datata 17 ta' Jannar 2011 mingħand il-Kunsillier G. Borg fejn informa lill-Kunsill illi ma setax jattendi għal-laqgħa.

**1. <u>Minuti tat-Tnejn u Erbgħin laqgħa tas-Sitt Kunsill.</u>**

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-minuti tat-Tnejn u Erbgħin laqgħa tas-Sitt Kunsill, ta' nhar il-Erbgħa, 12 ta' Jannar 2011 (mehmuza). Kopja tal-minuti ngħatat lill kull kunsillier qabel il-laqgħa.

Il-Minuti tat-Tnejn u Erbgħin laqgħa tas-Sitt Kunsill ser jiġi pprezentati fil-laqgħa li jmiss peres li l-Kunsillieri ma kellhomx ċans jaqrawhom peres li tqassmu ftit tal-minuti qabel bdiet il-laqgħa.

**2. <u>Rapport Finanzjarju Annwali għas-sena 2010.</u>**

Is-Segretarju Ezekuttiv qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill ir-rapport Annwali Finanzjarju għas-sena 2010. Kopja ngħatat lill-kull kunsillier qabel il-laqgħa (mehmuz). L-*accountant* tal-Kunsill, is-Sur Mark Debono kien prezenti biex jipprezenta d-dokumenti. L-*accountant* innota li hemm żball fuq paġna 14 fit-tieni linja taħt nota 12 fejn flok il-figura €23460 trid tidħol il-figura €500. Il-korrezzjoni ġiet approvata b'mod unanimu u ġiet iffirmata mis-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv biex juru li huwa dokument korrett.

Fuq mozzjoni tas-Sindku li kien issekondat mill-Viċi-Sindku, s-Sur J. Galea, il-Kunsill unanimament approva r-rapport finanzjarju Annwali għas-sena 2010, kif emendat.

**3. <u>Estimi għas-Sena 2011.</u>**

L-Estimi għas-sena finanzjarja 2011, kif emendati fl-aħħar laqgħa tqiegħdu fuq il-mejda tal-Kunsill fil-format skond ir-regolamenti finanzjarji (mehmuza). Kopja ngħatat lill kull kunsillier qabel il-laqgħa.

Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi l-figura ta' *brought down balance* li tidher fl-estimi kifipprezentati waqt l-aħħar laqgħa inbidlet peres li issa għandna l-figura preċisa wara li tlesta r-rapport annwali finanzjarju għas-sena li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2010.

Fuq mozzjoni tas-Sindku li kien issekondat mill-Viċi-Sindku, s-Sur J. Galea, il-Kunsill unanimament approva l-estimi finanzjarji għas-sena 2011. L-estimi ġew ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv bħala document korrett.

**4. *Business Plan* għat-Tlett snin 2011-2013.**

Il-*Business Plan* għat-tlett snin 2011-2013 tqiegħed fuq il-mejda (mehmuz). Kopja ngħatat lill-kull kunsillier qabel il-laqgħa.

Fuq mozzjoni tal-Kunsillier Dr. T. Degiorgio li kien issekondat mill-Kunsillier J. Cassar, il-Kunsill unanimament approva l-*Business Plan* għat-tlett snin 2011-2013. Il-Business Plan ġie ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv bħala document korrett.

**5. Affarijiet Oħra.**

Is-Segretarju Ezekuttiv qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill rapport li għamel il-Viċi-Sindku, s-Sur J. Galea li jġib id-data tat-13 ta' Jannar 2011 dwar xogħol fuq bankina fi Triq Patri Guze Delia fejn residenta telfet ix-xogħol billi tefgħet il-karozza fuq il-bankina u ma rieditx iċċaqlaqha. Il-Viċi-Sindku talab lis-Segretarju Ezekuttiv tipprepara stima ta' l-ispejjes li hemm dwar telfien ta' xogħol peres li trid titressaq il-qorti mil-pulizija.

**Għeluq:** Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar il-Erbgħa, 9 ta' Frar 2011 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Dr. J. Zammit Montebello** | **Ms. M. Zammit** |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |

Data